MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1460/1995/1

**Anthony Debattista**

**vs**

**Duminku Debono u Joseph Farrugia u is-socjeta kummercjali Debono & Farrugia (Marbles) Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi huwa pproceda kontra l-konvenuti fil-Qorti tal-Kummerc permezz ta' citazzjoni numru 1210/88 u dan senjatament ghal-xoghol ta' konsenja u twahhil ta' irham fil-fond ta' l-istess attur "Divin House" Racecourse Street, Marsa;

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet "Anthony Debattista vs Duminku Debono u Joseph Farugia proprio et nomine" (Citazzjoni numru

12l0?88) deciza fil-1 ta'Dicembru, l992 (ara dokument "A") dik il-Qorti filwaqt li ddikjarat li l-konvenuti ma esegwewx ix-xoghol in kwistjoni skond l-arti u is-sengha, pprefiggitilhom terminu perentorju ta' xahar mid-data ta' dik is-sentenza sabiex jaghmlu x-xogholijiet kollha necessarji taht is-supervizjoni tal-Perit AIC Lawrence Mintoff a spejjes taghhom u fin-nuqqas awtorizzat lil-istess attur sabiex jaghmel dawk ix-xogholijiet necessarji a spejjez tal-konvenuti;

Illi l-konvenuti naqsu milli jaghmlu dak lilhom ordnat mill-Qorti fiz-zmien li pprefiggitilhom;

Illi ghalhekk l-attur ghamel dawk ix-xogholijiet necessarji in linea mas-sentenza sudetta u dan kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni peritali maghmula mill-Perit AIC Lawrence Mintoff u liema spejjez ammontaw ghal-elf, mitejn u wiehed u disghin liri maltin (Lml,29l), ara dokument "B";

Illi l-konvenuti mitluba jaghmlu l-hlas fuq imsemmi izda baqghu inadempjenti;

L-attur ghalhekk talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u wiehed u disghin liri Maltin (Lml,291) bl-imghaxijiet legali skond il-ligi minn meta intalbu biex isiru l-pagamenti sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati kawtellatorji prezentati kontestwalment u bil-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Duminku Debono u Joseph Farrugia fejn gie eccepit :-

1. Illi s-somma mitluba mill-attur mhiex dovuta mill-konvenuti peress illi s-sentenza li huwa stess qed jinvoka

fil-premessi qatt ma kkundannat lill-konvenuti sabiex jhallsu dina is-somma lill-attur;

2. Illi mhux il-konvenuti kienu illi naqsu mis-sentenza tal-l ta' Dicembru, imma kien l-attur, li kull meta marru biez jezegwixxu ix-xoghol kif kienet kkundannathom is-sentenza, huwa kecciehom u talabhom il-flus kollha minnu imhallsa fl-ammont ta' Lm7l5;

3. Illi huma kienu kkundannati biss jaghmlu it-tiswijiet taht is-sorveljanza tal-Perit Mintoff u qatt ma kien awtorizzat l-attur li jaqla it-tarag kollu u jibdlu b'wiehed tal-granit li jqum ferm aktar minn dak qabel minnu mghazul u ordnat lill-konvenuti;

4. Illi l-konvenuti hallsu l-ispejjes kolha tal-kawza deciza kontrihom u l-attur illum bl-agir tieghu rrenda inutli u ineffikaci is-sentenza fuq indikata, fil-mertu, peress illi la l-konvenuti u lanqas l-attur ma jista illum jezegwixxi dak ordnat minn dina l-Qorti fil-l ta' Dicembru, l992;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Duminku Debono u Joseph Farugia debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti tal-kawza citazzjoni numru 1210/88 deciza fl-1 ta’ Dicembru 1992, liema atti gew annessi b’digriet ta’ din il-Qorti (diversament presjeduta) tal-20 ta’ Marzu 1996;

Semghet il-partijiet u x-xhieda prodotti mill-attur;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat18 ta’ Jannar 2001;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jghamel referenza ghal kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-1 ta’ Dicembru 1992 (citazzjoni numru 1210/88) fl-ismijiet “Anthony Debattista vs Duminku Debono u Joseph Farrugia f’isimhom propju u

kif ukoll ghan-nom u fl-interess tas-socjeta' Debono & Farrugia (Marble Works) Limited.";

Jirrizulta li l-imsemmija kawza deciza fl-1 ta' Dicembru 1992 kienet tinvolvi l-istess partijiet involuti fil-presenti proceduri u kienet tittratta konsenja u twahhil ta' irham da parti tal-konvenuti fuq ordni tal-attur fil-fond "Divin House" Racecourse Street, Marsa. Permezz tal-imsemmija sentenza gie deciz li l-konvenuti ma esegwewx ix-xoghol b'mod sewwa u ghalhekk il-Qorti pprefiggiet lill-konvenuti terminu perentorju ta' xahar sabiex jaghmlu x-xogholijiet kollha necessarji u dana taht is-supervizjoni tal-Perit AIC Lawrence Mintoff u fin-nuqqas awtorizzat lil-attur sabiex jaghmel l-istess xogholijiet huwa a spejjez tal-konvenuti dejjem taht is-sorveljanza tal-imsemmi perit;

L-attur jallega li l-konvenuti naqsu milli jaghmlu dawn ix-xogholijiet kif kien lilhom ordnat mill-Qorti. Konsegwentement l-attur ghamel huwa stess dawn ix-xogholijiet. L-attur isostni li l-ispejjez sabiex saru dawn ix-xogholijiet jammontaw ghal-elf, mitejn u wiehed u disghin liri maltin (Lml,29l). Il-konvenuti naqsu ukoll li jhallsu dawn l-ispejjez u ghalhekk saru dawn il-proceduri fejn l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-imsemmija somma;

Is-socjeta konvenuta ma ppresentatx nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk hi kontumaci;

Il-konvenuti Duminku Debono u Joseph Farrugia personalment eccipew li l-ammont in kwestjoni mhux dovut minnhom peress li s-sentenza in kwestjoni qatt ma kkundannat lill-konvenuti sabiex jhallsu dina s-somma. Huma eccipew ukoll li kien l-attur li naqas milli jottempera ruhu mas-sentenza peress li kull meta l-konvenuti marru biez jezegwixxu x-xogholijiet huwa ma hallihomx;

Il-konvenut inoltre jeccepixxu li l-attur ma kienx awtrorizzat li jaqla it-tarag kollu u jibdlu b'wiehed tal-granit li jiswa aktar minn dak li kien gie originarjament ordnat mill-istess attur. Fl-ahhar nett huma jeccepixxu li bl-agir tieghu l-attur irrenda inutli u ineffikaci is-sentenza in kwestjoni peress li

issa x-xoghol kif ordnat fis-sentenza in kwestjoni ma jistax jigi esegwit;

Dwar dawn l-eccezzjonijiet ghandu jigi rilevat li hu minnu li l-imsemmija sentenza ma kkundannatx lill-konvenuti sabiex jhallsu xi somma. Bl-istess sentenza, pero', l-konvenuti gew kundannati sabiex f'terminu specifikat, huma jesegwixxu xi xogholijiet. Fin-nuqqas l-attur gie awtorizzat sabiex jesegwixxi l-istess xogholijiet huwa stess pero' a spejjez tal-konvenuti. Jirrizulta pruvat li l-konvenuti naqsu li joqodu ghall-ordni tal-Qorti u naqsu ukoll li jghamlu x-xogholijiet in kwestjoni fit-terminu lilhom mghoti. Il-konvenuti jsostnu li huma ghamlu diversi tentattivi biex jesegwixxu dan ix-xoghol, pero' kien l-attur li ma hallihomx. Dan ma giex suffecjentement pruvat oltre li gie michud mill-attur u minn martu. F'dan ir-rigward li kellhom jghamlu l-konvenuti hu semplicement li jikkomunikaw mal-perit inkarigat mis-sorveljanza tax-xoghol. Dan il-perit pero' kkonferma li wara s-sentenza in kwestjoni u fit-terminu mghoti lill-konvenuti hadd mill-konvenuti ma kkomunikaw mieghu. F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk, kien gustifikat l-attur li jesegwixxi huwa stess ix-xogholijiet u dana a spejjez tal-konvenuti;

F'dan ir-rigward l-attur esibixxa certifikat mahrug mill-perit nominat mill-Qorti fejn gie konfermat li l-irham kollu tat-tarag in kwestjoni nqala' u minnfloku tpogga materjal mahdum fil-forma ta’ granit. Il-perit ikkonferma li dan ix-xoghol sar taht is-supervizjoni tieghu u sar skond kif titlob l-arti u s-sengha bi spiza ta’ Lm1291. L-istess perit gie prodott biex jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa kkonferma li x-xoghol in kwestjoni sar mill-attur taht is-sorveljanza tieghu. Huwa qal li in effett tbiddel it-tarag kollu meta fis-sentenza ma hemmx specifikat li kellu jitbiddel it-tarag kollu. Il-Perit qal li fil-fatt setghu jitbiddlu biss partijiet mit-tarag, pero' dan kien jinvolvi partijiet sostanzjali tat-tarag. Jekk kellhom jinqalghu biss partijiet wiehed kellu joqod aktar attent fix-xoghol. Pero' l-fatt li tbiddel it-tarag kollu, id-difetti gew definittivament eliminati. Barra minn hekk intuza rham differenti cioe' granit u ghalhekk kien hemm awment fl-ispiza rigwardanti il-materjal. Huwa kkalkola li kieku t-tarag sar bl-irham kif kien ordnat originarjament l-

ispiza kienet tilhaq is-somma ta' disa mitt liri maltin (Lm900). Fid-dawl ta' dan kollu hu gustifikat il-fatt li tbiddel it-tarag kollu pero' zgur li l-konvenuti m'ghandhomx jigu kundannati jhallsu l-ammont kif mitlub, izda semmai ghandhom ihallsu ammont inqas u cioe' disa mitt liri maltin (Lm900);

B'referenza ghall-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghalhekk l-attur kien gustifikat li jaqla it-tarag kollu. L-attur, pero', ma kienx gustifikat li jbiddel il-materjal. Ghalhekk il-konvenuti ghandhom biss ihallsu dik is-somma bhal kieku ntuza l-materjal originarjament ordnat;

In vista ta dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenuti qed jigu respinti salv dak li ntqal dwar l-ammont li ghandhom ihallsu l-konvenuti. Konsegwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti salv dejjem l-ammont li ghandhom jigu kundannati jhallsu l-konvenuti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' disa mitt liri maltin (Lm900) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjes jithallsu kwantu ghal tlett kwart (3/4) mill-konvenut u kwantu ghar-rimanenti kwart (1/4) mill-attur.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------